MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru. 193/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp Abraham Zammit)**

**versus**

**Domenic Azzopardi u**
**Jason Mifsud**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Domenic Azzopardi ta’ 34 sena bin Anthony u Joan nee’ Briffa mwieled il-Pieta’ fl-1 ta’ Ottubru 1969 u joqgħod numru 40 Triq il-Fuħħar Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 398969 (M)

U

Jason Mifsud ta’ 29 sena bin Carmelo u Carmen nee’ Azzopardi imwieled il-Pieta fit-28 ta’ April 1974 u joqgħod numru 85 Saint Henry Street Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 354774(M)

Akkużati talli f’Raħal Ġdid, fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin, fl-24 ta’ Jannar 2003 għall-ħabta tal-ħamsa ta’ fil-għaxija u fil-ġranet ta’ qabel din id-data

(a) Kellhom fil-pussess tagħhom id-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) barra minn hekk daħħlu jew ippruvaw idaħħlu f’parti tal-konfini tal-Ħabs u cioe’ fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin mingħajr awtroita’ leġittima, oġġetti li huma pprojbiti u cioe’ d-droga eroina u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolamenti magħmula taħt l-istess Liġi;

**Lil Jason Mifsud waħdu**

Talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li nstab ħati b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati li jġibu n-numru 3989 tal-1969 u 3547 tal-1974 rispetttivament, il-fedini penali taż-żewġ imputati (fol 4 et), l-ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2004, il-konferma tal-ħatra tal-eseprti matul l-inkjesta (fol 44) u l-kopja tal-inkjesta a fol 47.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur ta' Domenic Azzopardi u tal-Prosekuzzjoni.

Rat li l-proċess kien tħalla għat-trattazzjoni diversi drabi.

Rat li l-proċess tħalla għas-sentenza fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2009.

Ikkonsidrat

Skond ix-xhieda ta' PC 291 Louis Grech l-imputati kienu fix-shower ta' Division 3 meta is-CO 79 kien ra xi foil u taha f'idejn ix-xhud. Fuq l-imputat Jason Mifsud saret tfittxija u sabu tubu qisu forma ta' sigarett relatat mat-teħid tad-droga.

Minn fuq Azzopardi, skond CO 156, kienet elevata biċċa foil.

CO 79 David Scerri ikkonferma bil-ġurament li fuq l-imputat Jason Mifsud kien sab xi foil b'xi traċċi fuqu. Persuna oħra kienet sabet biċċa foil fuq l-imputat Domenic Azzopardi. Fl-inkjesta CO 79 David Scerri kien qal li ra lill-imputat Domenic Azzopardi jitfa' zi ħaġa mal-art. (fol 44)

Effettivament kien CO 156 Grezzju Attard li kien sab biċċa foil fil-but tal-imputat Domenic Azzopardi. (fol 27 u 28).

L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed li waqt li kien irriżultalu li kien hemm traċċi tal-eroina fuq id-dokument 03 AGO 01B ( ara paġina 15 (li tiġi paġina 2 tar-relazzjoni tal-Ispiżjar

Mario Mifsud fejn jidher li din kient sustanza miġbura minn fuq Jason Mifsud – qartas u romblu żgħir) waqt li nstabet biss kafeina, sustanza li mhix kontrollata bil-Liġi fid-dokuemnt 03 AGO 1B (ara wkoll l-inkjesta a fol 44) u ma nstabux sustanzi illegali fuq il-biċċiet tal-foil li kien hemm fid-dokument 03 AGO 01A ( li kellu x'jaqsam mal-imputat Domenic Azzopardi (ara fol.15 jew fol2 tar-relazzjoni).

Xehed l-imputat Domenic Azzopardi li fuqu ma kien isntab xejn bħalma kien qal waqt l-inkjesta. (fol 34) Huwa qal li lanqas kienu fittxewlu fuqu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Fil-konfront tal-imputat Domenic Azzopardi**

Mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti, ma jirriżultax li nstabet xi droga eroina fuq l-imputat Domenic Azzopardi. L-imputat innega kemm matul l-inkjesta kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda li hu qatt kellu l-pussess tad-droga eroina fil-jum in kwistjoni. Mix-xhieda okulari li pproduċiet il-Prosekuzzjoni ma jirriżulta xejn konkret dwar il-fatti li seħħew fl-24 ta' Jannar 2003 vis a vis dan l-imputat.

Għalhekk il-Qorti qed tilliberah kemm mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih.

**Fil-konfront ta' Jason Mifusd.**

Jirriżulta ampjament kemm mix-xhieda okulari kif ukoll mix-xhieda forensika li dan l-imputat kellu l-pussess tal-eroina nhar l-24 ta' Jannar 2003.

Għalhekk qed issib ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Iżda ma jirriżultax li dan l-imputat daħħal id-droga fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Huwa ppruvat biss li kien fil-pussess tad-droga eroina fil-Faċilita'. Iżda biex wieħed jinstab ħati li 'daħħal' id-droga, allura jrid ikun ippruvat li jew kellu ftehim ma' xi ħadd biex id-droga tidħol fil-Faċilita'

jew li hu stess daħħal id-droga bħal, per eżempju, meta jkun deher il-Qorti jew ittieħed l-Isptar u daħħal jew ipprova jdaħħal id-droga fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Provi ta' din ix-xorta ma nġabux u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

Dwar l-adebbitu tar-reċidiva da parti tal-istess imputat, ma kienu ppreżentati ebda sentenzi li jippruvaw dan l-addebitu. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kap 9, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikolu 7(1)(2) tal-Kap 260 u fil-konfront ta' Jason Mifsud biss, l-Artikoli diga' msemmija u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat Domenic Azzopardi minn kull imputazzjoni dedotta kontrih waqt li issib lil-imputat Jason Mifsud ħati tal-ewwel imputazzjoni biss u qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' €437 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Il-Qorti mhix qed tikkundanna lil Jason Mifsud iħallas l-ispejjeż tal-esperti għax dawn kienu nħatru matul l-inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------